# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 1004/17 MH**

**Illum, 13 ta' Gunju, 2018.**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

1. **Antoine u Antonia sive Ninette mizzewgin Vassallo (K.I. numri 825847 (M) u 187446 (M)), u**
2. **Antonia sive Ninette mizzewgin Vassallo (K.I. Numru 187446 (M)) bhala amministrattrici tal-beni parafernali taghha.**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-Bank of Valletta p.l.c. tal-31 ta' Ottubru 2017** permezz ta' liema gie premess -

*"Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Pierre Falzon datat 21 ta' Dicembru 2007 (Dok "A"), l-intimati iddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' miljun, mija u hamsa u sebghin elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sitta u sittin centezmu*

*(€1,175,294.66) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.*

*Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Illi d-debitu tal-intimati illum jammonta ghal miljun, disa' mija u tlieta u tletin elf seba' mija u sitta u hamsin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€1,933,756.37) flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Ottubru 2017 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B").*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat 2l ta' Dicembru 2007, in atti Nutar Dottor Pierre Falzon (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjez kontra l-istess intimati."*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta tal-intimat Antoine Vassallo tad-29 ta' Jannar 2018**[1] li tghid hekk -

*"Illi r-rikors ghall-awtorizazzjoni tal-kriditu tar-rikorent ghandu jigi rigettat u dan stante li l-atturi ga ghaddew ghall-esekuzzjoni tal-kreditu taghhom bil-partecipazzjoni taghhom fl-atti tas-subasta migjuba kontra l-intimat u dan r-rikors sar biss biex dak li sar malament mir-rikorrenti jigi issa sanat; illi ma tistax tinghata l-awtorizazzjoni ghall-esekuzzjoni meta l-esekuzzjoni tkun ga saret u r-rikorrent jkun ippartecipa fiha;*

*Illi jigi inoltre notat li b' dannu evidenti ghal-intimat, ir-rikorrent wara li partecipa b' success f' l-atti tas-subasta migjuba, amalament kif ser jigi pruvat f'*

[1] Fol 23

*l-atti ta' Kawza penedenti quddiem dina l-Qorti, ghadda biex iddeposita il-prezz minflok ikkumpensah mal-ammont dovut lillhu u dan evidentement ser jkompli jghabbi lill-intimat b' imghax mhux necessarji.*

*Ghalhekk l-esponent jopponi ghall-awtorizazzjoni mitluba."*

Rat illi l-kaz huwa differit ghall-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawa.

**Ikkunsidrat:**

Fil-proceduri odjerni l-Bank rikorrent qed jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jezegwixxi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-2007 bejn il-partijiet f'din il-procedura peress li ghaddew aktar minn hames snin minn meta seta' jigi ezegwit u d-debitu ghadu ma thallasx.

L-unici provi mressqa kienu dawk tal-Bank rikorrent u cioe' -

i. Il-**kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-21 ta' Dicembru 2007**[2] bejn il-kontendenti permezz ta' liema fost ohrajn gie maqbul illi–

*"...the Customer (Anthony sive Antoine Vassallo) and the Surety (Antonia Vassallo) do hereby acknowledge that they are joint and several debtors in favour of the Bank, which accepts, for the sum of five hundred and four thousand and five hundred and fifty four Maltese liri (Lm504,554) equivalent to one million one hundred and seventy five thousand two hundred and ninety four Euro and sixty six Euro cents (Euro 1,175,294.66) which sum is certain,*

[2] Fol 2 et seq

*liquidated and due and represents the outstanding balance to date of the above-mentioned facilities inclusive of interest thereon to date and legal fees and charges to date….*

*The 'parties' agree that interest shall continue to accrue on the Debt at a rate not exceeding the maximum rate allowed by law, as may be fixed by the Bank, in its sole discretion, from time to time, this interest shall be reckoned on the amount due by the Customer and Surety, from time to time, in accordance with recognised banking practice.";*

ii. L-i*statement of account* li jindika li sat-18 t'Ottubru 2017 d-debitu, inkluz l-imghaxijiet kien lahaq is-somma ta' €1,933,756.37;

iii. Ix-**xhieda ta' Rose Cortis**, ufficjal tal-Bank rikorrent[3] li kkonfermat li wara dan l-istatement of account esibit, l-intimati ma kienu ghamlu ebda pagament u allura komplew jakkumulaw anke l-imghaxijiet.

Nonostante dak allegat mill-intimat Vassallo fir-risposta tieghu huwa naqas li jressaq kwalunkwe prova fir-rigward.

Rat l-artikolu 258 (c) tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi ghalhekk it-talba dedotta fir-rikors in ezami tirrizulta misthoqqa.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-Bank rikorrent fir-rikors tal-31 t'Ottubru 2017 u tawtorizzah jezegwixxi l-**

[3] Seduta tal-5 ta' Marzu 2018 a fol 31 et seq

**kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-21 ta' Dicembru 2007 bejn il-kontendenti f'dawn il-proceduri bl-ispejjez kontra l-istess intimati.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**